# ULIEDNA... Illum u Għada

**Min bħali qed irabbi, jaf x'jiġifieri l-ħtiġijiet tat-tfal ta' llum.**

Uliedna huma l-egħżeż ħaġa li għandna fil-ħajja. Irridu nħobbuhom. U nuruhom li nħobbuhom. Irrid ngħożżuhom. U rrid nikkonvinċuhom, anki jekk mhux issa, li aħna l-ġenituri kontinwament it-tarka u r-refuġju tagħhom. U d-dar tagħna hija d-dar u l-"kastell" li fih iħossuhom fis-żgur. M'għandna nagħmlu xejn li jtellef din il-viżjoni li tagħmel sens.

Pero, kif tafu, it-tfal ma jiddependux minna biss. Hemm l-iskola, hemm il-komunita, hemm ukoll il-ħbieb ta' mparhom, hemm il-media, hemm is-soċjeta in ġenerali. U dawn mhux kollha sinkronizzati biex jieħdu l-aħjar azzjoni dwar il-futur tagħhom. Ilkoll nafu li waqt it-trobbija, hemm okkażjonijiet li huma lil hinn mill-kontroll tagħna u għalhekk irridu nkunu b'sebgħa għajnejn għal influwenzi ħżiena li jistgħu jirrovinaw dak kollu li nkunu bnejna aħna b'ħafna għaqal u paċenzja fil-"kastell" ta' darna.

It-tfulija tal-lum hija differenti minn dik ta' tfuliti u bilkemm tingħaraf minn dik tan-nanniet tagħhom. Il-progress enormi li sar fl-aħħar 25 sena ġab rivoluzzjoni kbira fil-ħajja kif ngħixuha, u kompla kabbar ċerti problemi li kull progress iġib miegħu. Pero dan l-istess progress qiegħed jiffaċilita l-ħajja t'uliedna u jagħmel il-ġejjieni tagħhom aktar sod u eċċitanti. U fuq kollox jagħtihom liberta akbar ta' azzjoni u sfidi ġodda fil-ħajja. Il-**PARTIT NAZZJONALISTA** li jien għandi l-unur li mhux biss inkun membru tiegħu iżda li naħdem u nistinka fih kien minn dejjem il-**PARTIT TAT-TAGĦLIM**. Il-partit tal-kisbiet kbar fl-edukazzjoni. Il-Partit li dejjem emmen f'dak li aħna l-ġenituri dejjem ngħidu 'l uliedna: "Tgħallmu l-iskola, għax jien u ommok irridukom aħjar minna".

L-istorja ta' pajjiżna turina li sa mill-1932, fi żmien il-Ministru Nazzjonalista Mons.Enrico Dandria, u nkomplu sal-ġurnata mqaddsa ta' llum, kull gvern u ministru nazzjonalista għall-edukazzjoni dejjem taw prijorita lill-edukazzjoni sħiħa tat-tfal u għalhekk dejjem għen lill-ġenituri ta' kull żmien fit-trobbija billi kien ta spalla għalihom. Numru kbir ta' skejjel primarji, bħal pereżempju dawk taż-Żejtun, B'Kara, Sliema, Ħal-Qormi u oħrajn inbnew minn gvern nazzjonalista tal-bidu tas-seklu l-ieħor.

Mal-ksib ta' l-Indipendenza f'Settembru 1964, Ġorġ Bnorg Olivier kien beda l-bini ta' l-Uiniversita ta' llum. Kompla bir-riforma kbira li ftit tissemma, dik li fetaħ l-iSkola Sekondarja għal kulħadd fl-1970 u kompla f'din it-triq meta reġa ta l-ħajja lit-tagħlim u t-tixrid ta' l-għerf fl-1987 meta Ugo Mifsud Bonnici, permezz tal-Liġi ta' l-Edukazzjoni (1989) reġa waqqaf l-ordni fl-iskejjel billi temm ir-renju tal-marmalja u ta lura d-dinjita lill-għalliema u lill-kapijiet ta' l-iskejjel, ingassa l-ħmerijiet u d-dnubiet fl-edukazzjoni li kienu waqqfu l-ministri laburisti fis-16-il sena ta' qabel. Kompla mbagħad bit-tqegħid fuq sisien sodi meta wasal għalll-ftehim dwar l-iskejjel tal-Knisja u dawk privati, għolla l-għalliema għal-livell professjonali u lill-ulied il-ħaddiema, anki b'inċentivi finanzjarji, offrielhom l-isfida ta' l-Universita. U nistgħu nibqgħu sejrin hekk sa llum bil-bini ta' bosta liċejiet u l-ftuħ mill-ġdid ta' l-MCAST li qed jipproduċi eluf ġodda ta' żgħażagħ professjonisti u kwalifikati għax-xogħol ġdid li hemm jistennihom u li ħolqilhom l-istess gvern.

Dak li jagħmel gvern serju. Igħin lilna l-ġenituri fit-trobbija t'uliedna. U mhux ikeskisna kontra l-għalliema. Mhux jiddandan bil-karnival u bl-indħil żejjed ta' nies li ma jifhmux. Iżda billi jipprovi l-għodda siewja lill-għalliema mħarrġa professjonalment u dedikati. Fi skejjel mill-aktar moderni u fornuti bl-aqwa apparat... fejn uliedna jsiru jħobbu t-tagħlim u jieħdu gost jattendu fihom.

---

Philip Mifsud
PN Candidate – 7th District